# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' Sessjoni*

**A6-0327/2007**

18.9.2007

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li twaqqaf Bord Ewropew Konsultattiv tal-Governanza ta' l-Istatistika
(COM(2006)0599 – C6-0348/2006 – 2006/0199(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Sharon Bowles

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

## *Emendi għal test leġiżlattiv*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA ............................................................**Error! Bookmark not defined.**

PROĊEDURA.............................................................................**Error! Bookmark not defined.**

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li twaqqaf Bord Ewropew Konsultattiv tal-Governanza ta' l-Istatistika (COM(2006)0599 – C6-0348/2006 – 2006/0199(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0599),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u 285 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0348/2006),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0327/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi tal-Parlament |
|---|---|

Emenda 1
Titolu

| | |
|---|---|
| Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li twaqqaf Bord Ewropew ***Konsultattiv tal-Governanza*** ta' l-Istatistika | Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li twaqqaf Bord Ewropew ta' l-Istatistika<br><br>*(din l-emenda tapplika b'dan il-mod fit-test kollu)* |

Emenda 2
Premessa 4a (ġdida)

***(4a) Il-membri tal-korp konsultattiv ġdid ta' livell għoli għandhom jipprovdu taħlita ta' ħiliet li jikkumplimentaw lil xulxin, b'nies mid-dinja akkademika u dawk b'esperjenza f'uffiċċji ta' l-istatistika nazzjonali u internazzjonali bħall-Bank Ċentrali Ewropew u l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku.***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex il-Bord ikollu sorveljanza esperta minn firxa ta' esperjenzi rilevanti.*

Emenda 3
Premessa 4b (ġdida)

***(4b) Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri stabilixxew, jew qed jistabbilixxu korpi jew kumitati konsultattivi li jinkludu rappreżentanti ta' l-utenti u tal-fornituri ta' l-informazzjoni statistika. Il-korp konsultattiv ġdid ta' livell għoli għandu jkun inkoraġġit li jistabbilixxi djalogu ma' dawk il-korpi ta' l-Istati Membri u mal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika rigward il-Kodiċi ta' Prassi Ewropea ta' l-Istatistika.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-korp konsultattiv għandu jkun iffukat b'mod ċar fuq il-Kodiċi ta' Prassi.*

Emenda 4
Premessa 4c (ġdida)

***(4c) Għall-għanijiet tax-xogħol tal-korp konsultattiv ġdid ta' livell għoli, id-dokumentazzjoni tar-reviżjoni minn esperti oħra (peer review) għandha tinkludi rapporti sostanzjali ta' kontrolli u konklużjonijiet. Il-korp għandu jistabbilixxi evalwazzjoni simili għall-Kummissjoni (l-Eurostat).***

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapporti dwar ir-reviżjoni minn esperti oħra għandhom ikunu komprensivi sabiex*

*jipprovdu biżżejjed informazzjoni. Il-Bord għandu jipprovdi l-ekwivalenti tar-reviżjoni minn esperti oħra fir-rigward ta' l-Eurostat.*

Emenda 5
Artikolu 2, paragrafu 1, inċiż 1

| | |
|---|---|
| ***– li jsaħħaħ il-kredibilità ta' l-istatistika Ewropea;*** | ***- li jipprovdi sorveljanza indipendenti tas-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kredibilità tinkiseb mill-kunfidenza li tiġi mill-fatt li ssir sorveljanza indipendenti.*

Emenda 6
Artikolu 2, paragrafu 1, inċiż 2

| | |
|---|---|
| – li ***jippreżenta*** rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prassi Ewropea ta' l-Istatistika mill-Kummissjoni (l-Eurostat) ***lill-Kummissjoni, li għandha tittrażmetti r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** | – li ***jipprepara*** rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prassi Ewropea ta' l-Istatistika ***(minn issa 'l quddiem 'il-Kodiċi ta' Prassi')*** mill-Kummissjoni (l-Eurostat) ***u li jirrevedi r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prassi mill-Istati Membri u jinkludi fir-rapport annwali evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ġenerali tal-Kodiċi ta' Prassi u l-implikazzjonijiet tagħha għas-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika. L-abbozzi ta' rapporti għandhom ikunu trażmessi lill-Kummissjoni qabel ikunu finalment imressqa quddiem il-Parlament u l-Kunsill.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex ikun iċċarat l-irwol tal-Bord.*

Emenda 7
Artikolu 2, paragrafu 1, inċiż 3

| | |
|---|---|
| – li jagħti parir lill-Kummissjoni dwar miżuri xierqa sabiex l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prassi ***Ewropea ta' l-Istatistika*** (***minn issa 'l quddiem "il-*** | – li jagħti parir lill-Kummissjoni dwar miżuri xierqa sabiex l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prassi fis-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika jrenduha eħfef ; |

***Kodiċi ta' Prassi")*** fis-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika jrenduha eħfef ***bil-ħsieb li tittejjeb il-governanza ta' l-istatistika;***

Emenda 8
Artikolu 2, paragrafu 1, inċiż 4

| | |
|---|---|
| – li jagħti parir lill-Kummissjoni ***fil-qafas ta' proċess li jwassal għal marka ta' kwalità u*** dwar il-komunikazzjoni tal-Kodiċi ta' Prassi lill-utenti u l-fornituri tad-data. | – li jagħti parir lill-Kummissjoni dwar il-komunikazzjoni tal-Kodiċi ta' Prassi lill-utenti u l-fornituri tad-data; |

*Ġustifikazzjoni*

*Qed ikun propost li l-kwistjoni ta' marka ta' kwalità tkun posposta sakemm l-effettività tal-Bord tkun riveduta wara tliet snin.*

Emenda 9
Artikolu 2, paragrafu 1, inċiż 5

| | |
|---|---|
| – li jagħti parir dwar l-aġġornar tal-Kodiċi ta' Prassi ***u dwar regoli u prinċipji ġenerali għat-tħaddim tas-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika bħala entità sħiħa.*** | – li jagħti parir dwar l-aġġornar tal-Kodiċi ta' Prassi. |

Emenda 10
Artikolu 3, paragrafu 1

| | |
|---|---|
| 1. Il-Bord għandu jiġbor fih ***ħames*** membri, inkluż il-president. Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tkun irrappreżentata bħala osservatur. | 1. Il-Bord għandu jiġbor fih ***seba'*** membri, inkluż il-president, ***u kull wieħed minnhom għandu jaġixxi indipendentement mill-Kummissjoni (l-Eurostat) u l-uffiċċji ta' l-istatistika ta' l-Istati Membri.*** Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tkun irrappreżentata bħala osservatur. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ħidma tista' tkun iebsa u mingħajr ħlas, għalhekk qed ikun issuġġerit li jkun hemm iktar minn ħames membri biex ikun żgurat li l-bord jaħdem sew.*

Emenda 11
Artikolu 3, paragrafu 2

| | |
|---|---|
| 2. Il-membri tal-Bord għandhom jintgħażlu minn fost esperti li għandhom kompetenza eċċellenti fil-qasam ta' l-istatistika ***u*** għandhom iwettqu d-doveri tagħhom fil-kapaċità personali tagħhom. | 2. Il-membri tal-Bord għandhom jintgħażlu minn fost esperti li għandhom kompetenza eċċellenti fil-qasam ta' l-istatistika, għandhom iwettqu d-doveri tagħhom fil-kapaċità personali tagħhom ***u għandhom jintagħżlu biex jipprovdu firxa ta' ħiliet u esperjenzi li jikkumplimentaw lil xulxin*** **.** |

Emenda 12
Artikolu 3, paragrafu 3

| | |
|---|---|
| 3. Il-***Kummissjoni għandha taħtar il-membri*** tal-Bord ***u l-president tiegħu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, għal terminu ta' tliet snin.***<br><br>***Il-Bord jista' jaħtar sa żewġ membri li għandhom jinħatru darba għal terminu ulterjuri ta' tliet snin.*** | 3. Il-***Kunsill għandu jipproponi u l-Parlament Ewropew għandu japprova l-ħatra tal-president*** tal-Bord, ***wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.***<br><br>***Il-president m'għandu jkun la attwalment membru ta' uffiċċju ta' l-istatistika ta' Stat Membru u lanqas kellu tali kariga f'dawn l-aħħar sentejn.***<br><br>***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jaħtru tliet membri tal-Bord kull wieħed wara li jikkonsultaw lill-Kummissjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ħatriet għandhom isiru indipendentement mill-Kummissjoni. Il-Parlament huwa ħafna iktar indipendenti mis-sistema.*

Emenda 13
Artikolu 3, paragrafu 3a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***3a. It-terminu normali tal-kariga għall-president u l-membri tal-Bord għandu jkun ta' tliet snin, u jista' jiġġedded għal terminu ieħor ta' tliet snin, b'terz tal-Bord (li ma jinkludix lill-president) maħtur kull sena. Bħala bidu, jew fil-każ ta' sostituzzjoni, għandu jkun hemm qbil li t-*** |

| | |
|---|---|
| | ***termini tal-kariga għandhom ikunu mqassma fuq perjodi ta' tul differenti sabiex tkun stabbilita jew miżmuma sistema ta' karigi kontinwi (rolling appointments).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kontinwità hija importanti.*

Emenda 14
Artikolu 4, paragrafu 2

| | |
|---|---|
| 2. Ir-rapport annwali tal-Bord, imsemmi fl-Artikolu 2, għandu jsir pubbliku. Barra dan, il-Bord jista' jiddeċiedi li jippubblika fuq l-Internet, kwalunkwe konklużjoni, konklużjoni parzjali jew dokument ta' ħidma. | 2. Ir-rapport annwali tal-Bord, imsemmi fl-Artikolu 2, għandu jsir pubbliku ***wara li jkun tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.*** Barra dan, il-Bord jista' jiddeċiedi li jippubblika fuq l-Internet, kwalunkwe konklużjoni, konklużjoni parzjali jew dokument ta' ħidma, ***sakemm dan kien ikkomunikat minn qabel lill-Kummissjoni (l-Eurostat) jew kwalunkwe korp ieħor involut, bil-possibilità ta' risposta.*** |

Emenda 15
Artikolu 4, paragrafu 3

| | |
|---|---|
| 3. Il-membri tal-Bord għandu jkollhom ir-rekwiżit li ma jiżvelawx tagħrif li ġabu aċċess għalih permezz tal-proċedimenti tal-Bord, jekk il-Kummissjoni tgħarrafhom li t-tagħrif miksub, l-opinjoni mitluba jew il-mistoqsija mqajma huma ta' natura kunfidenzjali. | 3. Il-membri tal-Bord għandu jkollhom ir-rekwiżit li ma jiżvelawx tagħrif li ġabu aċċess għalih permezz tal-proċedimenti tal-Bord, jekk il-Kummissjoni tgħarrafhom li t-tagħrif miksub, l-opinjoni mitluba jew il-mistoqsija mqajma huma ta' natura kunfidenzjali ***għal raġunijiet ġustifikabbli***. |

Emenda 16
Artikolu 4, paragrafu 4

| | |
|---|---|
| 4. Il-Bord għandu jkun mgħejjun minn Segretarjat li għandu jiġi fornut mill-Kummissjoni. Is-Segretarju *ghandu* jinħatar mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Bord. Is-Segretarju | 4. Il-Bord għandu jkun mgħejjun minn Segretarjat li għandu jiġi fornut mill-Kummissjoni ***iżda għandu jaġixxi indipendentement mill-Kummissjoni***. Is-Segretarju *għandu* jinħatar mill- |

għandu jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet tal-Bord.

Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Bord. Is-Segretarju għandu jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet tal-Bord.

Emenda 17
Artikolu 4 a (ġdid)

***Artikolu 4a***

***Reviżjoni***

***Reviżjoni ta' l-irwol u l-effettività tal-Bord u kunsiderazzjoni dwar kemm ikun xieraq li tkun stabbilita marka ta' kwalità għandha ssir tliet snin wara li jitwaqqaf il-Bord.***

## NOTA SPJEGATTIVA

Din id-direttiva qed tipproponi t-twaqqif ta' Bord Ewropew Konsultattiv ta’ l-Istatistika. Għandha l-għan li tindirizza żewġ kwistjonijiet: ir-robustezza tas-Sistema Ewropea ta’ l-Istatistika u l-fiduċja pubblika f'dik is-sistema.

Is-Sistema Ewropea ta’ l-Istatistika tikkonsisti fl-uffiċċji ta' l-istatistika nazzjonali ta' l-Istati Membri u l-Eurostat. L-istatistika tintuża għal ħafna għanijiet, inkluż mill-ECB għall-analiżi ekonomika. F'każ fejn l-Istati Membri jipprovdu dejta statistika żbaljata, ikun hemm il-konsegwenza ta' żbalji fil-produzzjoni statistika ta' l-Eurostat. Sabiex jitnaqqas tali riskju, kien ikkumpilat kodiċi ta’ prassi Ewropea dwar proċeduri statistiċi u dan qiegħed fil-proċess li jkun implimentat mill-uffiċċji ta' l-istatistika ta' l-Istati Membri u mill-Eurostat. Il-konformità mal-kodiċi ta’ prassi mill-uffiċċji ta' l-istatistika nazzjonali se tkun ivverifikata permezz ta' reviżjoni minn esperti oħra, li fiha ta' l-uffiċċji ta' l-istatistika ta' kull Stat Membru se jkun iċċekjat għall-konformità tiegħu mal-kodiċi mill-uffiċċji ta' l-istatistika ta' Stat Membru ieħor u mill-Eurostat.

Il-funzjoni li qed tkun proposta għall-Bord hija li jissorvelja kif il-kodiċi ta' prassi qed tkun applikata u li jipproponi modifiki jew żidiet jekk ir-reviżjoni turi li hemm tali ħtiġiet. L-Eurostat *de facto* se jkollu l-kontroll ġenerali għaliex ikun ipparteċipa fir-reviżjonijiet minn esperti oħra kollha: il-Bord jipprovdi sorveljanza addizzjonali li tkun esterna għas-sistema Ewropea ta’ l-istatistika ta' l-uffiċċji nazzjonali u l-Eurostat.

Funzjoni oħra tal-Bord hija li jirrevedi l-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' prassi min-naħa ta' l-Eurostat. Fit-teorija dan jista' jsir, fuq il-mudell tar-reviżjonijiet ta' l-uffiċċji nazzjonali, minn pari ta' uffiċċji ta' l-istatistika nazzjonali. Madankollu l-introduzzjoni ta' l-element estern fir-reviżjoni ta' l-Eurostat iddaħħal il-potenzjal għall-għarfien ġdid dwar ir-reviżjonijiet minn esperti oħra li jsiru mill-Istati Membri u mill-Eurostat.

Hemm il-kwistjoni ta' kemm il-Bord għandu jkun jista' jiċċekkja lill-Uffiċċji ta' l-Istatistika nazzjonali. Minn naħa, id-dejta ta' l-Eurostat hija valida daqs kemm hi valida d-dejta li tingħatalu mill-uffiċċji nazzjonali. Iżda l-kodiċi ta' prassi u r-reviżjoni minn esperti oħra bl-Eurostat bħala l-element komuni fir-reviżjonijiet kollha huwa l-mekkaniżmu li twaqqaf biex ikunu ċċekjati l-uffiċċji nazzjonali. Il-Bord imbagħad jirrevedi l-applikazzjoni tal-kodiċi ta' prassi min-naħa ta' l-Eurostat sabiex ikun komplut il-proċess ta' reviżjoni ta' proċeduri fl-uffiċċji individwali. Wara dan, il-Bord ikun jista' jeżamina r-rapporti kollha dwar ir-reviżjonijiet ta' l-uffiċċji nazzjonali u r-rapport tiegħu stess dwar l-Eurostat sabiex jasal għall-konklużjonijiet dwar l-operat tas-sistema kollha kemm hi u l-applikazzjoni tal-kodiċi ta' prassi. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li d-dokumenti dwar ir-reviżjoni minn esperti oħra jinkludu rapporti sostanzjali dwar il-kontrolli u l-konklużjonijiet. Hu mifhum li bħalissa din hija l-proċedura, għalkemm mhux dwar tant mistoqsijiet daqs kemm hemm fil-kodiċi ta' prassi. Huwa importanti li l-introduzzjoni ta' iktar mistoqsijiet ma tnaqqasx il-livell ta' rappurtar dwar aspetti individwali.

Attwalment minix nipproponi l-estensjoni tas-sorveljanza tal-Bord f'investigazzjonijiet ġewwa l-uffiċċji ta' l-istatistika nazzjonali għaliex dawn għandhom isiru waqt ir-reviżjoni minn esperti oħra. Madankollu, il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri għandhom, jew qed

jintroduċu, korpi jew kumitati konsultattivi li jinkludu rappreżentanti ta' l-utenti u tal-forrnituri ta' l-informazzjoni statistika u jidher xieraq li jkun inkoraġġit djalogu dwar kwistjonijiet rilevanti ma' dawk il-korpi u wkoll mal-Kumitat Ewropew Konsultattiv għall-Istatistika, li qed jitwaqqaf fl-istess waqt mal-Bord. Qed nipproponi wkoll li l-effettività tal-Bord tkun riveduta wara tliet snin, f'liema stadju l-Bord għandu jkun kapaċi jindika jekk iqisx li hemm ħtieġa għal aktar aċċess jew informazzjoni.

Rigward ir-reviżjoni minn esperti oħra tal-kodiċi ta' prassi, jidher f'loku li l-Eurostat ikollu reviżjoni kumparabbli ma' reviżjoni minn esperti oħra min-naħa tal-Bord. Iżda, minħabba li r-reviżjonijiet ta' proċeduri huma neċessarjament proċessi dinamiċi, huwa wkoll xieraq li l-Kummissjoni tkun tista' tirrispondi għas-sejbiet mill-Bord qabel dawn isiru pubbliċi. Għalhekk nipproponi li l-abbozz ta' rapport jintbgħat lill-Kummissjoni, bil-possibilità li din tirrispondi, qabel jitressaq quddiem il-Kunsill u l-Parlament. Ma naqbilx li l-Bord għandu jirrapporta b'mod formali lill-Kummissjoni, iżda għandu jkun indipendenti.

Il-bord ta' superviżjoni ta' l-Eurostat huwa magħmul mill-Kapijiet ta' l-uffiċċji ta' l-istatistika ta' l-Istati Membri. Għalhekk l-unika istituzzjoni li hija indipendenti mis-sistema ta' l-istatistika hija l-Parlament. Għal din ir-raġuni huwa importanti li l-Parlament ikollu rwol fil-ħatriet. Jien ta' l-opinjoni li l-Kunsill u l-Parlament għandhom ikunu responsabbli mill-ħatra formali tal-Bord u jirċievu r-rapport formali tal-Bord. Permezz ta' dan ikun stabbilit li l-Bord huwa indipendenti mill-Kummissjoni. Għal raġunijiet simili nqis li l-president m'għandux ikun xi ħadd minn, jew li reċentement kien parti minn, uffiċċju ta' l-istatistika ta' Stat Membru.

Il-Bord irid ikun jidher li huwa indipendenti mill-Eurostat, u għalhekk, waqt li dan jista' jipproponi individwi xierqa għall-kunsiderazzjoni, irid ikun possibbli li l-Parlament u l-Kunsill jagħżlu oħrajn. Fil-prattika, l-għażla tista' ssir permezz ta' konsensus, iżda b'mod formali, nipproponi li l-ħatriet isiru mill-Kunsill u mill-Parlament wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

M'hemmx proposti għall-ħlas lill-membri tal-Bord u jista' jkun issuġġerit li l-ħlas mill-baġit tal-Kummissjoni jdgħajjef l-indipendenza tal-Bord. Iżda l-ħidma tista' tkun iebsa u tieħu l-ħin u l-fatt li tkun mingħajr ħlas inaqqas sostanzjalment in-numru ta' dawk lesti li jidħlu għal impenn bħal dan. Persuni li għandhom possibilità tajba li jinħatru jinkludu dawk b'esperjenza f'uffiċċji nazzjonali jew internazzjonali ta' l-istatistika u wkoll akkademiċi. Huwa żgur meħtieġ li jkun hemm taħlita ta' ħiliet li jikkumplimentaw lil xulxin. Fid-dawl tal-ħidma nissuġġerixxi li jitqies jekk in-numru ta' Membri tal-Bord għandux ikun iktar minn ħamsa. B'ħames membri biss, mard jew nuqqas ta' disponibilità ta' ħin minħabba doveri oħra jista' jkun ta' ħsara għall-ħidma tal-Bord. Għaldaqstant nipproponi li n-numru jiżdied għal 7 u nissuġġerixxi li idealment dan għandu jinkludi rappreżentant minn entità internazzjonali bħall-ECB jew l-OECD.

Għal raġunijiet ta' indipendenza t-terminu massimu tal-kariga fil-Bord għandu jkun limitat; idealment il-membri għandhom iservu terminu ta' 3 snin li jista' jiġġedded darba sa massimu ta' 6 snin. Għal raġunijiet ta' kontinwità, il-karigi għandhom ikunu mqassma fuq firxa ta' żmien, li jfisser li meta jitwaqqaf il-Bord, jew fil-każ ta' sostituzzjoni, ikunu meħtieġa termini inizjali ta' kariga iqsar għal uħud mill-membri.

Barra minn hekk, il-Bord se jkollu bżonn segretarjat b'saħħtu u indipendenti.

Hemm ċerti restrizzjonijiet marbuta mas-segretezza u minħabba li l-Kummissjoni tista' titlob li ċerti kwistjonijiet ma jkunux ippublikati. Din hija talba li trid tkun ġustifikabbli u li m'għandiex issir bħala rutina.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni pproponiet li għandha tiddaħħal 'marka ta' kwalità'. Din isservi l-iktar biex tgħin biex ikun hemm fiduċja min-naħa tal-pubbliku. Jidher prematur li din tkun stabbilita mill-bidu, b'mod partikulari fil-kuntest tal-proposta tiegħi għal reviżjoni wara tliet snin. Għalhekk nissuġġerixxi li r-reviżjoni tindirizza wkoll il-kwistjoni ta' l-introduzzjoni ta' marka ta' kwalità.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Bord Kunsultattiv Ewropew għall-Governanza Statistika |
| **Referenzi** | COM(2006)0599 - C6-0348/2006 - 2006/0199(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>14.11.2006 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>14.11.2006 |
| **Opinjoni mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | IMCO<br>19.12.2006 |
| **Rapporteur**<br>Data tal-ħatra | Sharon Bowles<br>12.12.2006 |
| **Eżami fil-kumitat** | 27.3.2007 4.6.2007 10.9.2007 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 11.9.2007 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 37<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mariela Velichkova Baeva, Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Manuel António dos Santos, Christian Ehler, Jonathan Evans, Elisa Ferreira, Jean-Paul Gauzès, Donata Gottardi, Benoît Hamon, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Sophia in 't Veld, Piia-Noora Kauppi, Wolf Klinz, Christoph Konrad, Kurt Joachim Lauk, Gay Mitchell, Cristobal Montoro Romero, Joseph Muscat, Alexander Radwan, Bernhard Rapkay, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Skinner, Ieke van den Burg, Sahra Wagenknecht |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jorgo Chatzimarkakis, Harald Ettl, Ján Hudacký, Werner Langen, Thomas Mann, Maria Petre, Poul Nyrup Rasmussen, Charles Tannock |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Íñigo Méndez de Vigo |
| **Data tat-tressiq** | 18.9.2007 |